**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Frar 2024**

**Rikors Nru : 625/2023JPG**
**Kawza Nru : 22**

**TD**
**U**
**MD**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet data 28 ta' Novembru 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi il-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Dicembru 2013, u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel LD li twieled f'X.*

*Illi t-talba ghad-divorzju qed issir miz-zewg konjugi flimkien, li ilhom de facto separati mill-anqas sitt xhur mis-sena precedenti;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ppublikat minn Nutar Dr Keith Calleja datat 17 ta' Novembru 2023, kopja hawn annessa u mmarkata Dok A;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni gie osservat fl-intier tieghu;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' TD datata 5 ta' Frar 2023 (Vide Fol 27) li fiha ddikjara li ma ghandux aktar provi x'jipproduci u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**TD xehed** (vide affidavit fol 4) illi l-partijiet izzewgu nhar it-28 ta' Dicembru 2013 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Novembru 2023 in atti tan-Nutar Dr Keith Calleja, pero' ilhom separati de

facto aktar minn sitt xhur fis-sena precedenti. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**MD xehdet** (vide fol 5) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Dicembru 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 104/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 28). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Novembru 2023 in atti tan-Nutar Dr Keith Calleja pero' ilhom separati de facto mill-anqas sitt xhur fis-sena precedenti. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Lanqas ma jirrizulta li hemm manteniment dovut bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 104/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**